## Inġinier u Patrijott Żejtuni

# IL-PERIT MIKIEL CACHIA

*(Tagħrif miġbur minn C. DeBono)*

Fost il-ħafna wlied illustri illi kellu ż-Żejtun insibu lil Mikiel Cachia illi niseġ ismu fl-istorja ta' Malta bis-sehem tiegħu fl-imblokk tal-Franċiżi.

Mikiel Cachia twieled iż-Żejtun fit-30 ta' Settembru, 1760. Fuq it-trobbija u l-iskola tiegħu ma nafx kważi xejn, imma jekk wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn dak kollu li huwa jkun irnexxielu jwettaq tul ħajtu malajr jintebaħ bit-trobbija u l-edukazzjoni tiegħu.

Nafu illi dan Cachia kien inġinier mill-gwappi, kif ukoll perit tar-raba'. Dan jixhduh ix-xogħolijiet li għamel fl-Assedju tal-Franċiżi. Huwa kien dak illi bena l-fortifikazzjonijiet kollha taż-Żejtun kif ukoll it-trunċiera tal-Borg. Meta l-Inġinier Portugiż Don Anton Pereira, ġie jdur il-fortifikazzjonijiet kien l-istess Cachia li ħadu jurih it-trunċiera lesti tan-naħa tal-Lvant kif ukoll dik lesta tal-Borg. Pereira ħareġ sodisfatt. Cachia kien l-Inġinier li bena, tista' tgħid il-batterijiet kollha li kellhom il-Maltin kontra l-Franċiżi. L-isem tal-Perit Mikiel Cachia huwa konness ukoll mat-trunċiera tas-Samra, ma' dik ta' Kordin, mal-batterija ta' Santu Rokku u l-polvrista taż-Żejtun. Kellu l-ħsieb li jforni bil-kanuni l-batterijiet imxerrdin fil-kampanja. Waqqaf ukoll ħafna ħitan fil-Marsa maġenb iċ-ċimiterju tat-Torok u għaqqad il-Pixkerija mal-baħar. Insibu illi waqt li kien qed jagħmel din l-operazzjoni ħarġu l-Franċiżi u fetħu n-nar fuqhom. Kien ukoll strumentali sabiex ingħalqet t-telgħa tal-knisja tal-Pietà sabiex is-suldati Franċiżi ma jkunux jistgħu jgħaddu minn G'Mangia. Hawhekk kienu jiltaqgħu bil-lejl is-suldati ta' l-għassa. Fl-4 ta' Marzu, 1799 ġew magħżula tliet deputati sabiex jiksbu tagħrif fuq dawk il-Maltin "egħdewwa ta' pajjiżhom" u fuq il-propjetà tagħhom. Wieħed minn dawn id-deputati kien Mikiel Cachia. Nistgħu nikkonkludu għalhekk illi Cachia kien jaf ukoll ħafna nies u bħala Perit kien jista' jaf x'bini u raba' kellhom dawn l-egħdewwa Maltin. Iżda sabiex nuri kemm Cachia kien stmat u l-ħila li kellu nixtieq naċċenna għal ittra li l-Kmandant Ball bagħatlu fil-31 ta' Lulju 1799 u li tradotta mit-Taljan tgħid hekk:-

*"Aħna nafu sewwa l-ħila u l-onestà tiegħek. Nafu wkoll bix-xogħol u t-taħbit tiegħek matul dan l-irvell. Nafu wkoll kemm dejjem ġibt ruħek ta' patrijott fidil u ħabrieki. Għalhekk biex inpattulek ta' dan kollu aħna nlaħħquk Kapu Mastru ta' l-opra kollha, bid-drittijiet u bis-salarju li għandu miegħu dan l-impjieg."* (E.B. Vella - Storja taż-Żejtun)

**Mikiel Cachia bħala Patrijott**

Meta ngħaddu biex nitkellmu fuq Cachia bħala Patrijott irridu naqsmu dan f'żewġ frieghi. Fergħa minnhom dak li għamel Cachia għal **raħal twelidu,** filwaqt li l-fergħa l-oħra dwar dak li għamel għal **art twelidu.**

Wara li l-Franċiżi stabbilew ruħhom f'Malta f'Ġunju tal-1798 dawn qasmu lil Malta f'muniċipalità u t-tmien waħda kienet magħmula miż-Żejtun, Ħaż-Żabbar, Ħal-Għaxaq u Ħal Tarxien. Iżda l-poplu ma damx ma beda jiddejjaq bil-preżenza tagħhom. Is-suldati Franċiżi ma damux ma bdew jisirqu l-knejjes l-aktar għonja ta' Malta. Fil-Knisja tagħna jingħad li missirijietna ħbew il-bieba prezzjuża u sabiħa tat-tabernaklu u biex ma jsibuhiex il-Franċiżi, ħbewha ma' xi fided oħra f'ħofra fil-kennierja ta' taħt il-knisja. Dan is-serq tal-knejjes kienet ix-xrara li qabdet l-irvell tal-kampanja. Dwar dak li ġara ġewwa ż-Żejtun matul l-imblokk nistgħu neħduh minn fomm Mikiel Cachia stess li kien ir-rappreżentant ta' dan ir-raħal, u li siltiet minnu se nġibuh hawn. "Rapport ta' Mikiel Cachia fuq dak li ġara fin-naħa tal-Lvant ta' Malta meta beda l-irvell tal-Maltin fl-Imdina fit-2 ta' Settembru, 1798. ...Sa dan il-jum (3 ta' Settembru) inkella fil-lejl ta' qablu, fiż-Żejtun ma saret l-ebda tqanqila, anzi ħadd ma ħareġ barra mir-raħal.

Fis-sitta ta' filgħodu tat-3 ta' Semmbru, indaqqew il-qniepen u f'daqqa waħda fil-pjazza tal-knisja taż-Żejtun imtliet b'ħafna nies, fejn mort jiena wkoll. Hekk kif wasal rajt in-nies fuq il-knisja jqattgħu l-bandieri tal-Franċiżi u jitfgħuhom għal fuq iz-zuntier, u rajt nies oħra illi bdew telgħin wieħed fuq l-ieħor sakemm laħqu fuq l-arma u xeħtuha fl-art u farrkuha. Kif kont fuq iz-zuntier ġew ma ġenbi xi nies magħrufin ta' l-istess raħal u talbuni biex ngħidilhom jien

x'għandhom jagħmlu. Għalhekk weġibt:- "jiena m'inix gwerrier, lanqas ma għandi prattika tal-gwerra, għalhekk hemm bżonn issibu xi ħadd ieħor minn floki." Għal dan huma qaluli:- "Jewwilla fi żmien l-Ordni, mhux int kont l-Ajjutant Ġenerali tar-Riġment taż-Żejtun, u kont tmexxi u tikkmanda l-affarijiet militari; issa ġej tgħidilna li m'intix kapaċi! Dan jurina li inti ġakbin u kontra tagħna!" Għalhekk jien għamilt dan id-diskors li ġej f'nofs il-pjazza quddiem kulħadd: "Jiena qatt ma kont kontra pajjiżi, u nittama li bil-għajnuna t'Alla ma nkun qatt. La intom għandkom din il-fiduċja fija, jiena bil-qalb kollha nilqagħha kemm-il darba taħilfu li tagħmlu dak li ngħidilkom, meta dan ikun floku." Fl-istess Tnejn, fit-8, ittieħed dan il-ġurament. Għalhekk l-ewwel ordnajt li jingħalqu t-toroq, li fuq il-bjut ta' kull dar ilestu ħafna ħaġar biex ikun mitfugħ lill-għadu. Ħallejt il-bejt tal-knisja għall-irtirata f'xi bżonn kbir, bil-għodda tal-ħaġar li kien hemm biex jitkompla l-gwarniċun. Imbagħad ġegħelt lil xi wħud biex jieħdu ħsieb il-ħwejjeġ ta' l-ikel u oħrajn biex ifittxu l-armi, porvli u ħwejjeġ oħra. Malli għarrfuni illi l-Franċiżi telqu l-polvrista l-kbira bagħatt malajr xi rġiel kuraġġjużi u waslu biex jieħdu xi għoxrin barmil provli, u ġiebuhom iż-Żejtun.

Wara dan qagħadt naħseb minn liema postijiet konna nkunu nistgħu niġu attakkati u sibt li minn naħa ta' l-art konna nistgħu nkunu attakati minn erba' partijiet. Dawn huma: Minn Kordin, mill-parti taż-Żilfà, mill-parti tal-mina ta' fuq li tieħu għat-triq tal-mitħna ta' Burghlem u mill-Kottonera tan-naħa ta' Ħaż-Żabbar. Mill-baħar konna nistgħu niġu attakkati minn erba' partijiet li huma: tax-Xgħira, minn naħa taż-Żonqor, minn naħa ta' Dellimara u dik ta' Bengħisa. Biex nuri liema post ikun qed jiġi attakkat mill-għadu ġibt l-arblu tas-sinjali li kien fuq il-knisja ta' Ħal Għaxaq, li kien ilu hemm sa minn żmien l-Ordni, u qegħedtu fuq il-fondispizju tal-knisja taż-Żejtun. Imbagħad għamilt erba' bandieri kwadri u erba' kornetti, li l-Maltin isejħulhom fjammi. Dawn kellhom juru li meta titla bandiera waħda l-attakk ġej minn naħa ta' Kordin, żewġ bandieri minn naħa ta' Żilfà, tliet bandieri minn naħa tal-mina ta' fuq u l-erba' bandiera minn naħa ta' Ħaż-Żabbar. Għall-attakki minn naħa tal-baħar: fjamma waħda minn naħa tax-Xgħira, żewġ fjammi minn naħa ta' Żonqor, tlieta minn naħa ta' Dellimara u erba' minn naħa ta' Bengħisa. Dawn is-sinjali kienu l-ħtija illi fl-ewwel granet il-Franċiżi ma ħargux biex jieħdu taħt idejhom il-kampanja. Xhieda kkonfermaw wara illi semgħu lill-Ġeneral Franċiż u xi uffiċjali jgħidu illi dawk is-sinjali u dan l-armar huma xogħol ta' xi nies barranin li qed jgħinuhom u jmexxuhom.
Għall-ikel meħtieġ u għall-għijxien tal-Battaljun u oħrajn, bqajna lura u kont nibża' li dan in-nuqqas għad jikber. Imbagħad fittixt nara kif nagħmel u ġieni f'rasi li nitlob lir-Re ta' Sqallija biex jagħtina l-qamħ u x-xgħir bil-krittu fuq il-ġid tal-gżira kollha...."

Imbagħad Mikiel Cachia jkompli jgħid kif il-qamħ li huma ġiebu kellu jservi għall-irħula l-oħra ta' Malta u taħt liema kundizzjonijiet sar dan it-tqassim. (Mons. Mifsud - Origine dell Sovranità Inglese p. 249).

L-isbaħ tifkira li ħallewlna missirijietna ta' l-imblokk tal-Franċiżi huwa s-salib li jinsab fil-pjazza. Dan inġieb ġewwa ż-Żejtun mill-Misraħ tal-Kunvent tal-Kapuċċini l-Kalkara fl-1800 wara li bosta Żwieten kien irnexxielhom jidħlu sa taħt ħalq l-għadu.

Cachia kellu għaqal biżżejjed biex jifhem illi jekk irid iħobb liż-Żejtun irid bilfors iħobb lil Malta qabel. Bħala patrijott ried li jkun Malti qabel ma jkun Żejtuni. Min jaf x'kien jiġri lil Malta li kieku ma kienx il-qamħ u x-xgħir li hu beda jġib minn Sqallija. Xi ngħidu mbagħad għall-fortifikazzjonijiet li bena? Il-Kungress tal-15 t'April 1799 ħatar erba' spetturi biex iżuru l-postijiet u jagħmlu r-rassenja tas-suldati. Wieħed minn dawn l-ispetturi kien Cachia. Wara li telqu l-Franċiżi Cachia kien wieħed milli ħadu l-midalja tad-deheb bil-kitba fuqha "Patria Liberata" filwaqt li d-dokument li tawh mal-midalja jinsab fil-Biblijoteka u ġġib id-data tad-9 ta' Frar, 1801. Wara t-tluq ta' l-egħdewwa il-Kummissarju Regju ħatru mill-ġdid Kapu Mastru tal-'beni rustici'. F'dan il-perjodu nsibu li għamel dawn ix-xogħolijiet lill-Gvern:- il-fosos u l-imħażen tal-qamħ tal-Furjana, il-pjazza jew is-suq fil-Furjana, l-erba' imħażen fix-xatt ta' taħt il-Kapuċċini, il-ħwienet ta' taħt il-barrakka, it-tiswija tal-ħabs il-kbir, it-tiswija tal-Berġa ta' Provenza, it-tiswija u ż-żjieda tat-teatru, u l-imħażen tal-fosos il-ġodda. Nagħlqu billi ngħidu x'qal fuq Mikiel Cachia il-Kummissarju Regju Cameron fil-15 ta' Novembru 1801 meta kiteb lil Lord Hobart fuq min kienu dawk id-deputati li kienu waslu l-Ingilterra.
*"Mikiel Cachia, inġinier tal-Militar u taċ-Ċivil, rappreżentant taż-Żejtun. Huwa magħruf tajjeb għall-għerf tiegħu fil-Kunsill, u huwa l-aktar raġel popolari fil-Gżira. Imħabba li huwa raġel hekk tajjeb u ta' ħila, huwa miġjub tajjeb ħafna u s-sinjur u l-baxx jemmen bih ħafna."* (Hardman p.419).

Aħna ż-Żwieten għandna biex inkunu kburin li missirijietna taw sehemhom fin-nisġa ta' l-istorja t'Art Twelidna. Minbarra li għandna nkunu rikonoxxenti għandna nippruvaw nimitawhom fl-imħabba li kellhom lejn raħal twelidna u lejn Malta tagħna.



Fuq il-lemin tidher il-bieba tal-fidda tat-tabernaklu, li skond tradizzjoni popolari kienet inħbiet fil-kannierja biex ma tinsteraqx mill-Franċiżi.


# CASSIA

## BIR ID-DEHEB. TEL: 878457

Għall-

*Għamara - linef - arloġġi - tazzi - statwi - inkwatri - lampshades - ċeramika -kanolli eċċ.*

*EJJEW SA GĦANDNA U TOĦORĠU SODISFATTI ŻGUR*